Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9463 — KKR/Axel Springer)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 364/12)

1. Fit-18 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc ("KKR") (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Axel Springer SE ("Axel Springer") (il-Ġermanja).

KKR takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Axel Springer SE kollha kemm hi ("Axel Springer") li hija indirettament u unikament ikkontrollata minn Friede Springer. Axel Springer hija kumpanija tal-media u tat-teknoloġija attiva f'aktar minn 40 pajjiż, tħaddem diversi ismijiet tad-ditta tal-media (pereż. BILD and WELT Group, Insider Inc., Politico.eu) u portali tal-avviżi klassifikati (pereż. StepStone, SeLoger, Immowelt).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KKR: ditta tal-investiment li tipprovdi servizzi tal-ġestjoni tal-assi u soluzzjonijiet għas-swieq tal-kapital,

— Axel Springer: pubblikazzjoni ta' ġurnali, rivisti u perjodiċi; attivitajiet oħra ta' pubblikazzjoni; stampar ta' gazzetti; programmi u xandir tar-radju u t-televiżjoni; attivitajiet tal-aġenziji tal-aħbarijiet; riklami.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9463 — KKR/Axel Springer

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.